**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Abela)**

**vs**

**Milad Alhamoud (21M-015)**

**Illum, 11 ta' Frar, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> "**Milad Alhamoud**, detentur ta' numru tal-Pulizija 21M-015;
>
> U nakkużah talli fit-8 ta' Jannar 2022 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jewe għamel xi tibdil fil-passaport jew uża jew kellhu fil-pussess tiegħu xi passaprot li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih. (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta)

Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fild-dokumenti fuq imsemmija. (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni. (Kap 217, Sec 32(1f) tal-Liġijiet ta' Malta)."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat **Milad Alhamoud**;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat **Milad Alhamoud** sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat **Milad Alhamoud** rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat illi l-imputat **Miland Alhamoud** ukoll rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat **Milad Alhamoud** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artiklu 5 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artiklu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artiklu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Milad Alhamoud** ħati u wara li qieset il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni bikrija tieghu tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

***-vera kopja tal-oriġinal-***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur